MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 234/2011

**AB**

**vs**

**CD et noe**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta:

1. Illi l-attur kellu relazzjoni extra maritali mal-konvenuta Siham Habbad;

2. Illi fit-23 ta' April 2008 il-konvenuta CD welldet tarbija bl-isem ta' EB u dan skond kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid numru 1886/2008 (Dok. A) illi fih l-attur gie mnizzel bhala l-missier tal-imsemmija tarbija;
3. Illi fl-ahhar xhur l-attur AB gie mgharraf minn terzi illi t-tarbija EB ma hix il-wild naturali tieghu izda wara xi zmien li bdiet din ir-relazzjoni l-attur gie mgharraf mill-konvenuta D li kienet tqila;
4. Illi meta rinfaccat b'dawn id-dubji l-attur talab konferma minghand il-konvenuta CD anke permezz ta' test xjentifiku izda din irrifjutat;
5. Illi dana premess, hemm il-htiega illi jinhatar perit espert sabiex jaghmel it-testijiet necessarji tad-DNA sabiex jigi stabbilit jekk l-attur hux fil-fatt il-missier naturali tal-minuri Josephine Maria Bonello;
6. Illi jekk kemm il-darba, bil-hatra ta' perit nominandi jirrizulta illi l-attur ma hux il-missier naturali tal-minuri EB allura hu mehtieg li jigi dikjarat illi l-minuri EB ma hix il-wild naturali u biologiku tal-attur;
7. Illi jekk hekk jirrizulta jehtieg illi jsiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-minuri EB numru 1886/2008 registrat mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-minuri EB ma hix il-wild naturali u biologiku tal-attur AB b'lok ghalhekk illi ghandha ssir korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmi minuri f'dan is-sens;
2. tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-imsemmija minuri EB numru 1886/2008 billi jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, il-konnotati kollha tal-attur u l-istess jigu sostitwiti b'dak it-taghrif illi jigi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur:

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li in forza taghha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mil-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provudut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi l-mimnuri EB a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti insubizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi fil-kwalita indikata li in forza taghha eccepiet:

Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta CD proprio et noe li in forza taghha eccepiet:

1. illi c-citazzjoni hija nulla u bla effett peress illi antecedentement l-istess kawza giet proposta u ceduta u ma thallsux l-ispejjez relattivi tal-istess kawza u dan skont l-Artikolu 907(2) tal-Kap 12. Illi l-kawza l-ohra li ghaliha qed issir riferenza hija fl-istess ismijiet, Cit. numru 352/2008, mitmuma fil-15 ta' Marzu, 2011.
2. Illi din il-Qorti m'hijiex kompetenti biex tikkonsidra t-talbiet stante li l-korrezzjoni ta' Att ta' Twelid tappartjeni lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili.
3. Illi c-citazzjoni kif proposta m'hijiex ta' denegata paternita` imma biex jigi attakkat certifikat tat-twelid u ma hemmx kawzali ghala din ir-registrazzjoni ghandha fil-fatt tithassar.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta CD proprio et nomine;

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fil-15 ta' Jannar, 2013;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Dicembru 2014, fejn il-konvenuta ammettiet it-talbiet attrici izda pprotestat dwar il-hlas tal-ispejjez;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita’ ta’ EB *stante* li l-attur jikkontendi li minkejja li c-certifikat tat-twelid tal-minuri jindikah bhala l-missier naturali taghha, l-istess minuri tista’ ma tkunx bintu naturali. Ghalhekk permezz ta’ din il-kawza qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex jekk jirrizulta li l-istess minuri verament m’hijiex bintu allura f’dak il-kaz tiddikjara li m’huwiex il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri.

Min-naha tieghu, id-Direttur intimat ma jeccepixxi ebda eccezzjoni ta’ natura preliminari jew legali ghalkemm jikkontendi li filwaqt li ghandhom isiru t-testijiet genetici, l-partijiet ghandhom jaqblu u jiddeciedu b’mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi l-minuri.

L-intimata tressaq eccezzjonijiet ta’ natura legali biss b’dan li ma tidholx fil-mertu tal-kaz odjern. Irid jinghad pero’ li l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-intimata CD giet irtirata waqt l-udjenza ta’ nhar it-23 ta’ Marzu 2012[1] u ghalhekk il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess eccezzjoni. Kwantu ghat-tieni eccezzjoni, din giet deciza permezz ta’ sentenza preliminari li inghatat nhar il-15 ta’ Jannar 2013[2] fejn gie deciz li din il-Qorti ghandha kompetenza u gurisdizzjoni sabiex tisma’ u tiddeciedi l-kawza. Kwantu ghat-tielet eccezzjoni, l-Qorti tirrileva li kemm permezz tal-verbal tal-4 ta’ Dicembru 2014, kif ukoll dak tat-3 ta’ Marzu 2015, l-intimata ddikjarat li m’hijiex ser tikkontesta ulterjorment il-mertu tal-kawza[3] u li qieghda tammetti t-talbiet tal-istess attur[4]. Naturalment, gialadarba t-talbiet tal-attur issa qed jigu ammessi da parti tal-intimata, ma jibqa’ ebda skop sabiex tigi trattata u deciza t-tielet eccezzjoni u ghalhekk, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha u

[1] Ara a fol 51 tal-process
[2] Esebita a fol 70 tal-process
[3] Ara a fol 109 tal-process
[4] Ara a fol 110 tal-process

tikkoncentra biss fuq il-mertu tal-istess kawza u cioe' jekk l-attur irnexxilux igib prova jekk l-minuri m'hijiex bintu jew le u jekk hemmx lok ghal korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri jew le.

**Il-Verzjoni tar-rikorrent**

Permezz tal-affidavit tieghu[5] r-rikorrent jghid li sar jaf lill-intimata CD, mara ta' nazzjonalita' Marokkina peress li kienet tghix Malta. Jghid li bdew jiltaqghu bejn darba fil-gimgha jew darba fi hmistax b'dan li kien konxju li kellha relazzjonijiet ma' rgiel ohra. Ghaddew xi tmien (8) xhur qabel ma kienu intimi flimkien izda dejjem baqa' konxju tal-fatt li kellha rgiel ohra f'hajjitha. Izid jghid li meta kien imur fl-appartament taghha kien ikollu indikazzjoni li hemm ragel jghix fl-istess appartament. Darba fost l-ohrajn qaltlu biex ikollhom relazzjoni kompluta fis-sens li tkun miftuha ghat-tfal u hu ghamel kif qaltlu. Wara xi xahrejn qaltlu li kienet harget tqila b'dan li meta twieldet it-tarbija, mar jirregistraha fuq ismu bhala l-missier. Pero' minhabba l-fatt li l-intimata kellha relazzjonijiet ohra, baqa' bid-dubju dwar il-paternita' tal-istess minuri.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Ir-rikorrent jiddikjara li minkejja li kien taħt l-impressjoni li l-minuri hija l-wild naturali tieghu, gie mgharraf minn terzi li l-istess minuri m'hijiex verament bintu, izda l-intimata Siham Habbad irrifjutat li tissottometti ruhha ghar-rizultati ta' DNA. Pero' fil-mori tal-kawza, tali test tad-DNA sar tant li rrizulta li l-istess minuri m'hijiex il-wild naturali tieghu[6].

Il-Qorti tirrileva li permezz ta' *test* xjentifiku ir-rikorrenti rnexxilu jipprova bl-aktar mod assolut li l-minuri Josephine Maria Bonello verament mhijiex il-wild naturali tieghu. It-test xjentifiku huwa l-prova regina dwar il-

[5] Esebit a fol 86 tal-process
[6] Ara a fol 30 tal-process

paternita' u ftit taghmel differenza x'jghidu l-partijiet. Ghaldaqstant, il-provi kollha migjuba quddiem din l-Qorti juru bl-aktar mod car u inekwivoku li l-minuri m'hijiex il-wild naturali tar-rikorrent.

Jidher li mat-trapass taz-zmien u fil-mori tal-kawza, l-intimata ammettiet it-talbiet attrici u ghalhekk l-unika kontestazzjoni bejn il-partijiet baqghet biss dik tal-ispejjez. Min-naha tieghu l-attur jghid li resaq ghar-rikonoxximent tal-minuri ghaliex l-intimata ingannatu, ghax ma kellu ebda intenzjoni li jirrikonoxxi tfal ta' haddiehor, filwaqt li l-intimata tikkontendi li kien hemm kawza ohra precedenti li kienet giet irtirata mill-attur. Izzid tghid ukoll li kawza ta' denegata paternita' hija bejn l-allegat missier u l-omm b'dan li sussegwentement, id-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat bis-sentenza u jirregistra l-effetti taghha. Il-Qorti hija tal-fehma li l-attur, fiz-zmien tar-registrazzjoni tat-twelid tat-tarbija, kien konxju mill-fatt li tezisti l-possibilita' li t-tarbija m'hijiex tieghu ghaliex hu stess jghid li kien jaf b'irgiel ohra. Il-fatt li hu stess ghazel li jirrikonoxxi t-tarbija bhala tieghu juri li ried *se mai* jiehu dak ir-riskju. Min-naha l-ohra l-intimata naturalment kienet taf li kien hemm il-possibilita' li l-minuri m'hijiex il-wild naturali tal-istess attur izda baqghet ghaddejja b'tali rikonoxximent. Huwa minnu li m'huwiex necessarju li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun partecipi f'kawza ta' denegata paternita', pero' l-fatt li huwa parti ma jtellef xejn mill-argument dwar min ghandu jbati l-ispejjez tal-kawza ghaliex wiehed jista' jghid li hija prassi li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun parti f'dawn it-tip ta' kawzi.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri EB m'hijiex il-wild naturali tal-attur AB;
(2) Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta' EB numru 1886/2008 b'dan illi l-konnotati tar-rikorrent AB jigu kancellati u mhassra minn fuq l-istess certifikat u jigu sostitwiti bil-

> kliem 'missier mhux maghruf' b'dan li kunjom il-minuri ghandu jibqa' 'B'[7].

Bl-ispejjez kollha, inkluzi tad-Direttur Registru Pubbliku, jinqasmu bejn l-attur u l-intimata Siham Habbad b'mod ugwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[7] Skond il-verbal tal-4 ta' Dicembru 2014 esebit a fol 109 tal-process